**21 ta' Mejju, 1993**

**Imħallfin: –**

**S.T.O. Prof. Giuseppe Mifsud Bonnici LL.D. – President**
**Onor. Joseph A. Herrera Bl.Can., Lic.Can., LL.D.**
**Onor. Carmel A. Agius B.A., LL.D.**

Richard Despott

*versus*

George Borg *noe*

**Kompetenza – *Water Services Corporation* – Att ta' Kummerċ Oġġettiv**

*Appell fuq kompetenza tal-Qorti Kummerċjali biex tisma' kawża fejn il-Water Services Corporation hija konvenuta. Saret riferenza għal raġunament simili għall-kawża fejn il-Korporazzjoni TeleMalta kienet konvenuta u in kwantu l-Water Services Corporation hija impriża ta' provvisti kif ipprovdut fl-art 5(g) tal-Kap. 13, ġiet irrevokata s-sentenza ta' l-ewwel Qorti u deċiż definittivament illi kienet kompetenti l-Qorti tal-Kummerċ.*

1. Fil-Qorti tal-Kummerċ, l-attur ippreżenta ċitazzjoni fejn espona illi, fl-Għadira, il-Mellieħa, waqt li kellu l-vettura tiegħu ġdida *Citroen AX* numru O – 3139 hemm ipparkeġġjata, inqasam tubu ta' l-ilma li għalkemm midfun taħt l-art, għolla u tajjar ċnagen u materjal ieħor li waqgħu fuq il-vettur u kkawżalha ħsara. Għalhekk talab lil dik il-Qorti li tiddikjara l-korporazzjoni konvenuta responsabbli għal dak li ġara, u li tikkundannaha tħallsu d-danni li huwa sofra, liema danni kellhom jiġu llikwidati;

2. Il-korporazzjoni preliminarjament eċċepiet l-inkompetenza ta' dik il-Qorti *"rationae materiae"*. L-eċċezzjonijiet l-oħra m'humiex rilevanti għal dan l-appell;

3. Fit-22 ta' Marzu, 1993, il-Qorti laqgħet l-eċċezzjoni billi kkunsidrat:

"Illi l-eċċezzjoni tal-konvenut *nomine* hija bbażata fuq is-

sottomissjoni tiegħu li l-korporazzjoni konvenuta m'hiex intrapriża kummerċjali kif jiddisponi l-artikolu 5(g) tal-Kodiċi tal-Kummerċ billi l-korporazzjoni m'hiex imwaqqfa għal skop ta' spekulazzjoni *(consilium lucri)* li hu element essenzjali biex tkun intrapriża kummerċjali. L-attur m'hux qed jikkontesta din l-eċċezzjoni jew qed jikkontradiċi s-sottomissjoni tal-konvenut;

Il-Qorti hija tal-fehma li l-eċċezzjoni hija fondata anke minħabba l-konsiderazzjoni li f'materja ta' kompetenza, avolja l-konvenut ikun kummerċjant dejjem irid jiġi ndagat jekk l-oġġett tal-kontroversja huwiex, ċjoè nonostante, purament ċivili (Ara Koll. XLVI.I.246). Issa, il-mertu ta' l-azzjoni odjerna hija talba għal danni bbażata fuq "*culpa aquiliana*" li ma tistax tiġi kkunsidrata bħala att ta' indoli kummerċjali għall-konvenut *nomine*. Għalhekk, indipendentement mill-konsiderazzjoni ta' l-iskopijiet *tal-korporazzjoni* konvenuta, li jistgħu jew ma jistgħux jirrenduha intrapriża kummerċjali, billi l-oġġett tal-kontroversja mhux ta' natura kummerċjali, din il-Qorti m'hix kompetenti li tieħu konjizzjoni tal-kawża";

4. Din il-Qorti diġà kellha okkażjoni li tikkunsidra din il-kwistjoni, għaliex, kif *illum huwa magħruf*, dawn *il*-korporazzjonijiet statali approprjaw area vasta ta' attività ekonomiko-soċjali fuq skala nazzjonali, u nħolqu sabiex jakkwistaw organiżattivament u amministrattivament, indipendenza mill-Gvern Ċivili, bil-mira li jiffunzjonaw b'aktar kompetenza u effiċjenza;

Illum barra l-korporazzjoni konvenuta, jeżistu prinċipalment il-Korporazzjonijiet *Telemalta, Enemalta* u dik ta' l-Iżvilupp ta' Malta, u approprożitu ta' l-ewwel waħda, konvenuta fil-kawża quddiem il-Qorti tal-Kummerċ –

Ċitazzjoni Numru 1272/92 fl-ismijiet Karmenu Mifsud *vs* Dr. Richard Galea Debono bħala *Chairman* għan-nom u in rappresentanza tal-Korporazzjoni *Telemalta,* – din il-Qorti fis-sentenza tagħha ta' l-10 ta' Marzu, 1993, qalet hekk:

"Il-Korporazzjoni *Telemalta,* ma jistax ikun hemm dubju min-natura kostituttiva tagħha stess hija dik **l-impriża ta' provvisti** li tikkostitwixxi, minnha nfisha dak l-att ta' kummerċ – hekk imsejjaħ oġġettiv – li jidher fl-artikolu 5(g) tal-Kodiċi tal-Kummerċ. Il-Korporazzjoni *Telemalta* – bħala dik ta' l-*Enemalta* – hija impriża fuq skala nazzjonali, li tikkomprendi attività ekonomika li għal pajjiżna, hija sostanzjali u tipprovdi diversi kwalitajiet ta' servizzi u provvisti – u għalhekk il-Korporazzjoni tippossjedi, b'mod ġuridikament eżemplari, l-elementi kollha neċessarji għall-kunċett sħiħ ta' **impriża** bħala att oġġettiv tal-kummerċ fiha nfisha, u l-Korporazzjoni minħabba din il-ġestjoni ta' l-impriża, hija intrinsikament "negozjant" fl-ottika legali tagħna";

Dan japplika bl-istess mod għall-korporazzjoni konvenuta fil-kawża preżenti. L-element ta' profitt li ssemmi s-sentenza appellata m'huwiex fattur determinanti. Naturlament, ġeneralment huwa wieħed mill-iskopijiet li jintlaħqu meta l-intrapriża titmexxa b'kompetenza u effiċjenza, għaliex dawn jiġġeneraw il-profitt – effett naturali tagħhom. L-element, għalhekk, huwa konnaturali għall-intrapriża, imma m'huwiex fattur determinanti fis-sens li ssemmi s-sentenza tal-grad – fis-sens illi l-intrapriża jrid ikollha "skop ta' spekulazzjoni", biex tikkwalifika bħala waħda "kummerċjali" inkwantu kull intrapriża hija essenzjalment kummerċjali għall-iskopijiet tal-Kodiċi tal-Kummerċ;

Għalhekk din il-Qorti qiegħda tiddeċidi definittivament illi l-Onorabbli Qorti tal-Kummerċ hija l-Qorti kompetenti biex tieħu konjizzjoni tal-kawża u prevja r-revoka tas-sentenza tat-22 ta' Marzu, 1993, għalhekk, l-Aġent Reġistratur huwa istruwit biex jibgħat l-atti lura lil dik il-Qorti biex tkompli tittratta l-kawża skond il-liġi.